**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 13 ta' Novembru 2018**

**Rikors Guramentat numru 30/2015 JVC**

**Mary Jane Attard, Maria Buhagiar, Josephine Sultana**

**vs**

**L-Avukat Dr Joseph Grech li b'digriet tas-7 ta' April 2015 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-eredita' gjacenti tal-mejta Elisa Portelli, xebba, gia xebba, bint il-mejtin Guzeppi Portelli u Maria nee' Xerri mwielda u kienet toqghod Xewkija, Ghawdex u li mietet fis-16 ta' Settembru 2014 u Catherine Formosa u b'digriet tad-9 ta' Frar 2016 Benigno sive Benny Vella gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza in *status et terminis***

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi nhar is-sittax (16) ta' Settembru 2014 mietet go Victoria, Ghawdex, Elisa Portelli gia xebba, bint il-mejtin Guzeppi Portelli u Maria nee' Xerri fl-eta' ta' hamsa u tmenin sena (85) u li kellha karta ta' l-identita' numru 36429(G).

2. Illi l-imsemmija Elisa Portelli rregolat il-wirt u s-successjoni taghha in forza ta' zewg testmenti, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, l-ewwel wiehed tat-tlieta (3) ta' Marzu tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u l-iehor tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000).

3. Illi fit-testment taghha tat-tlieta (3) ta' Marzu tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) apparti xi legati ta' flus provdiet is-segwenti:

   *"Salv il-premess tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali tal-beni taghha kollha in generali prezenti u futuri mobbli u mmobbli lil dik jew dak min-nepputijiet taghha u cioe' mit-tfal ta' hutha illi jkun irrendielha servigi, kuri u assistenzi ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet snin u bil-patt u kundizzjoni illi hlief fuq parir mediku u bil-kunsens bil-miktub tal-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ma jirrikoverahiex f'xi sptar jew ospizju u bil-patt u kundizzjoni ukoll illi f'kaz ta' bzonn izommha mieghu/maghha fid-dar tieghu/taghha.*

   *L-istess eredi kif fuq nominat ikun obbligat ukoll illi jeroga s-somma necessarja sabiex isir funeral xieraq lit-testatrici u jeroga wkoll is-somma necessarja sabiex ta' kull sena ssir quddiesa anniversarju bl-elemosina korrenti minn zmien ghal zmien ghar-ruh u in suffragju tat-testatrici.*

*Fil-kaz illi jkun hemm aktar min-neputi jew nepputija wahda illi jirrendulha tali servigi skont kif fuq allura t-testatrici tinnomina b'eredi universali taghha lill-istess nepputijiet fi kwoti wgwali bejniethom.*

*It-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi jinholoq dubbju rigward il-persuna illi tkun rrenditilha dawn is-servigi, kuri u assisstenzi, l-Ezekutur Testamentari taghha hawn taht nominat ghandu fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jaghzel il-persuna jew persuni illi ghandhom jibbenefikaw taht dan it-testment skont il-kriterji illi sejrin jigu stabbilit hawn taht u cioe' d-durata u l-kwalita' tas-servigi resi lit-testatrici;*

*F'kaz illi minhabba mewt hesrem jew f'eta' illi t-testatrici ma jkollha bzonn ebda persuna biex iddur biha jew fil-kaz illi l-istess testatrici minhabba l-marda illi jkollha tigi rikoverata fl-isptar, jew fil-kaz illi ebda wiehed jew wahda min-nepputijiet taghha ma jikkwalifikaw taht il-kriterji fuq stabbiliti ......*

*Fl-ahhar nett, it-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi - ghalkemm xi nepputijiet taghha jkunu rrendulha xi servigi, kuri u assistenzi pero' ma jkunx dam dak iz-zmien stabbilit f'dan it-testment - tali nepputi/nepputija jew nepputijiet ghandhom jithalsu ghal dawk is-servigi, kuri u assistenzi illi jkunu rrendewlha mill-assi taghha u l-ammont ta' dan il-hlas ghandu jigi stabbilit mill-Ezekutur Testamentari taghha hawn taht nominat billi jiehu in konsiderazzjoni d-durata, il-kwalita' tas-servigi resi kif ukoll l-ammont gust kumpens ta' dawk is-servigi illi jkunu resi".*

4. Illi sussegwentement permezz tat-testment tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) Elisa Portelli ordnat illi f'kaz illi minhabba l-mewt

hesrem jew fl-eta' illi t-testatrici ma jkollha bzonn tal-ebda persuna biex iddur biha jew f'kaz illi l-istess testatrici minhabba mard li jista' jkollha bzonn tigi rikoverata l-isptar jew l-ebda wiehed jew wahda min-neputijiet ma jikkwalifika taht il-kriterji stabbiliti:

*"il-flus kollha illi t-testatrici jista' jkollha fid-data tal-mewt taghha kemm jekk kontanti, kemm jekk depozitati f'xi bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra nkluzi wkoll titoli li jirrapprezentaw flus, wara illi jithalsu l-legati u prelegati mhollija mit-testatrici, ghandhom jigu percepiti fi kwoti ugwali mit-tmint ahwa tat-testatrici bis-sostituzzjoni volgari bejniethom; mentri d-dar numru sbatax (17) Triq Torri Tinghi, Xewkija, Gozo ghandha tigi percepita bi prelegat mit-tmint itfal t'ohtha Michelina, armla ta' Joseph Vella fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero' illi l-istess prelegatarju jkun obbligat ihalsu nofs il-valur tal-istess dar skont stima maghmula minn Perit Arkitett maghzul mill-Ezekutur testamentarju taghha lill-ahwa kollha tat-testatrici (inkluza ohtha Michelina) bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom".*

5. Illi l-atturi flimkien ma' ohthom l-ohra l-konvenuta Catherine Formosa kienu l-persuni li rrendew kuri, servigi u assistenzi lill-imsemmija Elisa Portelli taht l-kriterji msemmija minn Elisa Portelli fit-testment taghha. Izda Catherine Formosa ghal xi raguni ma riditiex tinghaqad mal-atturi f'din l-azzjoni u qaghdet ghall-integrita' tal-gudizzju peress illi l-atturi jidhrilhom li anke din ohthom tikkwalifika taht il-kriterji stabbilti mid-decuius, din qeghdha tigi citata bhala konvenuta.

6. Illi jirrizulta li l-ezekutur testamentarju u cioe' Bernard Mercieca mhux dispost u ma kienx dispost li jaccetta dan l-inkarigu, ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu l-intervent ta' din il-Qorti sabiex tiddikjara s-servigi u l-assistenzi resi minnhom u tikkonfermahom bhala eredi unici flimkien mal-imsemmija Catherine Formosa tal-imsemmija Elisa Portelli. Fin-nuqqas tal-akkoljiment ta' din it-talba huma jitlob li jigu kumpensati tas-servigi kollha illi huma rrendew lil Elisa Portelli;

7. Illi din il-kawza qed issir mill-atturi kollha u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attrici Maria Buhagiar illi ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi flimkien mal-konvenuta l-ohra Formosa kienu l-persuni illi rrendew servigi, kuri u assistenzi lill-mejta Elisa Portelli skont il-kriterji stabbiliti mill-istess Elisa Portelli fit-testmenti taghha u ghalhekk huma l-unici persuni li jikkwalifikaw bhala eredi tal-imsemmija Elisa Portelli.

2. Konsegwentement tiddikjara lill-atturi flimkien mal-konvenuta Formosa bhala eredi universali tal-imsemmija Elisa Portelli;

3. Fin-nuqqas tal-akkoljiment tal-ewwel zewg talbiet tiddikjara illi l-atturi flimkien mal-konvenuta Formosa rrendew servigi, kuri u assistenzi lill-mejta Elisa Portelli.

4. F'dan l-ahhar kaz tillikwida dak l-ammont talvolta dovut lill-atturi bhala hlas ghal servigi, kuri u assistenzi resi minnhom.

   Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

   Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech fejn ikkonferma:

1. Illi huwa gie nominat bhala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' April 2015 sabiex jirrapprezenta lill-eredita' gjacenti tal-mejta Elisa Portelli;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz;

3. Illi mandanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.

   Rat il-verbal datat 20 ta' Mejju, 2016 fejn din il-Qorti ordnat li l-kawza odjerna u dik bin-numru 37/2016 fl-ismijiet Joseph Portelli et vs. Dr. Joesph Grech noe jinstemghu flimkien stante li l-mertu taz-zewg kawzi huwa l-istess u cioe' l-eredita' ta' Elisa Portelli;

   Rat illi fl-atti taz-zewg kawzi gie wkoll maqbul li l-provi migbura f'wahda kellhom jaghmlu stat ta' fatt fil-kawza l-ohra u vice versa.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti taz-zewg kawzi;

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Lulju, 2018 iz-zewg kawzi gew differiti ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fi zmien moghti lilhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi z-zewg kawzi in ezami cioe' dik odjerna u dik bin-numru 37/2016 jikkoncernaw l-eredita' ta' Elisa Portelli li mietet fis-sittax (16) ta' Settembru tal-elfejn u erbatax (2014), fl-eta' ta' hamsa u tmenin (85) sena. Elisa Portelli mietet xebba u minghajr tfal. Id-Decujus irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti, wiehed tat-tlieta ta' Marzu tal-elf, disa' mija u tnejn u disghin (03/03/1992) (esebit a fol. 6), u l-iehor tas-sebgha ta' Marzu tas-sena elfejn (07/03/2000)(esebit a fol. 10), it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo. Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet fil-kawzi odjerni jemanu mit-tielet artikolu tat-testment ta' Elisa Portelli tat-3 ta' Marzu tal-1992, kif sussegwentement emendat bit-tielet artikolu tat-testment tas-7 ta' Marzu tas-sena 2000. Meta wiehed jevalwa z-zewg testmenti jirrizulta li dan l-artikolu li fuqu qed jikkustinjaw il-partijiet sa mis-sena 2000 gie jaqra bil-mod segwenti:

*"Salv il-premess tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali tal-beni taghha kollha in generali prezenti u futuri mobbli u mmobbli lil dik jew dak minn nepputijiet taghha u cioe' mit-tfal ta' hutha illi jkun irrendielha servigi, kuri u assistenzi ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett snin u bil-patt u kondizzjoni illi hlief fuq parir mediku u bil-kunsens bil-miktub tal-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ma' jirrikoverajiex f'xi sptar jew ospizju u bil-patt u kondizzjoni ukoll illi f'kaz ta' bzonn izommha mieghu/maghha fid-dar tieghu/taghha.*

*L-istess eredi kif fuq nominat ikun obbligat ukoll illi jeroga s-somma necessarja sabies isir funeral xieraq sabiex ta' kull sena ssir quddiesa anniversarju bl-elemosina korrenti minn zmien ghal zmien ghar-ruh u in suffragju tat-testatrici.*

*Fil-kaz illi jkun hemm aktar minn nepputijiet jew nepputija wahda illi jirrendulha tali servigi, skont kif fuq spjegat allura t-testatrici tinnomina b'eredi universali taghha lill-istess nepputijiet fi kwoti ugwali bejniethom.*

*It-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi jinholoq dubbju rigward il-persuna illi tkun irrenditilha dawn is-servigi, kuri u assistenzi, l-Ezekutur Testamentarju taghha hawn that nominat ghandu fid-dikjarazzjoni assoluta tieghu jaghzel il-persuna jew persuni illi ghandhom jibbenefikaw taht dan it-testment skond il-kriterji illi sejrin jigu stabbiliti hawn taht, u cioe' id-durata u l-kwalita' tas-servigi resi lit-testatrici.*

*F'kaz illi minhabba mewt hesrem jew f'eta' illi t-testatrici ma jkollha bzonn ebda persuna biex iddur biha jew fil-kas illi l-istess testatrici minhabba l-marda illi jkollha tigi rikoverata fl-Isptar, jew fil-kaz illi ebda wiehed jew wahda minn*

*nepputijiet taghha ma' jikkwalifika taht il-kriterji fuq stabbiliti, il-flus kollha illi t-testatrici jista' jkollha fid-data tal-mewt taghha kemm jekk kontanti kemm jekk depozitati f'xi bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra inkluzi wkoll titoli li jirrapprezentaw flus, wara illi jithallsu l-legati u prelegati imhollija mit-testatrici, ghandhom jigu percepiti fi kwoti ugwali mit-tmient ahwa tat-testatrici bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mancanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; mentri id-dar numru sbatax (17) Triq Torri Tinghi, Xewkija, Gozo ghandha tigi percepita bi prelegat mit-tmint itfal ta' ohtha Michelina armla ta' Joseph Vella, fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mancanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero' illi l-istess prelegatarji jkunu obbligati jhallsu nofs il-valur tal-istess dar skond stima maghmula minn Perit Arkitett maghzul mill-Ezekutur Testamentarju taghha lill-ahwa kollha tat-testatrici (inkuza ohtha Michelina) bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mancanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom."*

*Fl-ahharnett, it-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi ghalkemm xi nepputijiet taghha jkunu irrendulha xi servigi, kuri u assitenzi pero' ma' jkunx dam dak iz-zmien stsabbilit f'dan it-testment – tali nepputi/nepputija jew nepputijiet ghandhom jithallsu ghal dawk is-serevigi, kuri u assistenzi illi jkunu irrendewlha mill-assi taghha u l-ammont ta' da nil-hlas ghandu jigi stabbilit mill-Ezekutur Testamentarju taghha hawn that nominat billi jiehu in konsiderazzjoni d-durata u l-kwalita tas-servigi resi kif ukoll l-ammont ghal kumpens ta' dawk is-servigi illi jkunu resi".*

A fol. 210 tal-process 37/2015 jinsab esebit arblu tar-razza tal-istess Elisa Portelli li jirrizulta li kellha tmint ahwa. Fil-kawza odjerna l-atturi Mary

Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana huma wlied oht id-decujus u cioe' ulied Michelina Vella. Permezz tal-kawza taghhom huma qed isostnu li flimkien ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa rendew servigi lill-mejta Elisa Portelli b'dana li ghandhom ikunu huma dikjarati eredi tal-istess Elisa Portelli skont it-testment taghha hawn fuq ikkwotat. Jirrizulta izda li fil-mori tal-kawza huhom Benigno Vella talab li jigi awtorizzat jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* stante li jsostni li anki hu renda servigi lid-decujus. Konsegwentement ghall-kjamat fil-kawza persuni ohra fosthom ahwa ohra tal-atturi bdew isostnu li huma wkoll irrendew servigi jew inkella li l-atturi ma rendewx servigi li jintitolawhom sabiex jirtu lil Elisa Portelli b'dana fethu kawza f'dak is-sens bin-numru 37/2016.

Fil-kawza 37/2016 jirrizulta li whud mill-ahwa tal-atturi odjerni kif ukoll kugini ohra u nkluz armel ta' wahda mill-kugini qed jinsistu li din il-Qorti tiddeciedi li hadd minn neputijiet tad-decujus ma rrenda lil Elisa Porteli dawk il-kuri, sergivi u assistenzi li jikwalifikawhom li jirtu ai termini tat-testmenti taghha. Konsegwentement ghalkemm l-atturi f'dik il-kawza m'humiex in-neputijiet kollha tad-decujus li kieku jirtu ai termini tat-testment, jitolbu li din il-Qorti tiddikjarahom eredi universali taghha. Sussidjarjament u f'kaz li ma jigux milqugha l-ewwel zewg talbiet taghhom isostnu li anki huma rrendew xi servigi lil Elisa Portelli u jitolbu li din il-Qorti tillikwida l-hlas tas-servigi. L-atturi fil-kawza odjerna fl-eccezzjonijiet taghhom fil-kawza 37/2016 jibqghu jinsistu li kienu huma li rrendew is-servigi u li jikwalifikaw sabiex jirtu lil Elisa Portelli flimkien ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa.

Illi ma hemmx dubju li decizjoni fil-kawza bin-numru 30/2015 fejn l-atturi odjerni qed jitolbu li jigu dikjarati eredi flimkien ma' ohthom rizultat tas-servigi rezi, tholl u torbot lil din il-Qorti fid-decizjoni taghha fil-kawza 37/2016 u din kienet ir-raguni li l-Qorti ordnat li l-kawzi jinstemghu u jigu decizi flimkien.

**Mertu:**

Illi wara li l-Qorti rat u semghet kelma b'kelma l-bosta xhieda, affidavits, kontro-ezamijiet u dokumenti esebiti fl-atti hija tista' tislet il-punti segwenti bhala  l-aktar fatti saljenti li jirrizultaw fiz-zewg kawzi:

1. Illi wara l-mewt ta' Elisa Portelli kienu l-atturi fil-kawza odjerna 30/2015 Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana li ghaddew sabiex ikelmu lill-esekutur testamentarju Bernard Mercieca u talbuh sabiex jiehu decizjoni dwar l-artikolu tlieta tat-testment tad-decujus u cioe' dwar min ghandu jiritha.  A fol. 37 gie esebit l-affidavit ta' Bernard Mercieca fejn jispjega li ghall-ewwel huwa prova flimkien man-Nutar Enzo Refalo jasal ghall-ftehim dwar dan il-punt man-neputijiet tad-decujus fejn sahansitra talab lil kull min kellu xi pretensjoni sabiex jaghmel dikjarazzjoni bil-gurament dwar is-servigi li rrenda lid-decujus. Dawn gew esebiti fl-atti a fol. 39 sa 46 tal-process.  Nonostante dan kollu jirrizulta li huwa ma setax jasal ghall-ftehim ma' min kien qed iressaq il-pretensjonijiet stante li fi kliemu:

'Il-bniet qalu li huma kienu jiehdu hsiebha l-iktar, is-subien qalu li huma hadu hsiebha ukoll.' (ara k'ez a fol. 81 tal-kawza 37/2016)

Ghalhekk huwa dderigihom sabiex jitolbu decizjoni mill-Qrati. A fol. 81 tal-kawza 37/2016 huwa jghid li kienu ilu jaf lil Elisa Potelli mat-tletin sena. Jsostni izda li sa minn meta hija kienet kisret saqajha (li jirrizulta li kien fis-sena 2004) huwa kien qata l-kuntatt minn maghha. A fol. 128 jiddeskrivi l-kundizzjoni taghha minn dak iz-zmien:

'Le, Le fil-fatt kienet marida, mardet jigifieri, jiena kont smajt min-nies illi kienet mardet kienet kisret anke sieq jidhirli jiena wkoll,'

Jsostni wkoll li kienet mghawga ganc. Sa meta kien ghadu jmur ghandha jsostni a fol. 132 tal-istess process li:

'Meta kont immur ghandha kienet tghidli "il-bniet jigu.", jew ma tkunx tiflah jew hekk, jew iccempel, u l-iktar li kienet issib kienet wahda toqghod qrib taghha, kienet qrib taghha, jigifieri kienet tghidli illi "meta jkoli bzonn", imma gieli semmietlu wkoll illi s-subien meta kienet tghidilhom ghal xi bzonn ta' xi ghajnuna kienu jmorru wkoll.'

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li dik li tissemma' bhala li toqghod vicin tad-decujus hija l-konvenuta odjerna Catherine Formosa filwaqt li l-bniet huma l-atturi odjerni. Is-subien imsemmija jigu huthom, uhud minnhom atturi fil-kawza 37/2016.

2. Mix-xhieda, affidavits, dikjarazzjonijiet u kontro-ezamijiet estensivi tal-atturi fil-kawza odjerna cioe' Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana jirrizulta li fis-sena 2004 Elisa Portelli kienet kisret saqajha u konsegwenza ta hekk qattghet gimghat l-Isptar ta' Ghawdex u

konsegwentement wara ftit xhur iddahlet l-Isptar Malta. Tul dan iz-zmien kienu l-atturi msemmija li hadu hsiebha lejl u nhar fl-isptarijiet kif ukoll zammewha maghhom fid-djar taghhom sakemm xhur wara hija kienet f'posizzjoni li tmur lura f'darha. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-affidavits taghhom esebiti fl-atti tal-kawza 37/2016 a fol. 212 et seq kif ukoll ghall-kontro-ezamijiet imqanqla taghhom fl-atti ta' dik il-kawza. Minn dawn l-affidavits tista' tghid johrog id-dettal kollu tal-ghajnuna li dawn it-tlett ahwa taw lid-decujus sal-ahhar gurnata ta' hajjitha flimkien, kif jammettu huma stess ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa.

Illi fost affarijiet ohra jirrizulta lill-Qorti li Elisa Portelli stess fis-sena 2004 kienet rabtet lil dawn it-tlett ahwa billi esprimiet ix-xewqa maghhom li qatt ma jirrikoverawha f'dar tal-anzjani jew sptar stante li kienet tistmerr dawn il-postijiet. Huma jsostnu li din ix-xewqa tad-decujus poggiet piz kbir fuqhom. Tant hu hekk li jirrizulta lil din il-Qorti li mis-sena 2004 'il quddiem dawn it-tlett ahwa kellhom jissagrifikaw partijiet minn daharhom, minn hinhom u mill-hin taghhom ma' uliedhom sabiex jiehdu hsieb lil Elisa Portelli f'kull hin tal-gurnata. Flimkien maghhom, wara li ma baqghetx miksura ma' Elisa Portelli, dan bdiet taghmlu wkoll Catherine Formosa. Ghandu jinghad izda li filwaqt li jirrizulta li d-decujus ghamlet zmien tirrisjedi fid-djar tal-atturi sabiex tirkupra fis-sena 2004, dan qatt ma ghamlitu ma' Catherine Formosa. Minn naha l-ohra stante li Catherine Formosa kienet l-aktar li tghix vicin taghha jidher li bosta mill-qadjiet zghar kien ikollha taghmilhom hi u fin-nuqqas l-atturi.

Illi ghalkemm mill-assjem tal-provi jirrizulta li wara li Elisa Portelli ma baqghetx tirrisjedi mal-atturi u marret id-dar wahedha, hadd ma kien

jorqghod maghha, dan xejn ma jfisser kif jippruvaw idawruha l-intervenut fil-kawza u l-atturi fil-kawza 37/2016 li l-ahwa bniet ma kienux jirrendu certu ammont ta' servigi, kuri u assistenzi lil Elisa Portelli. Anzi jirrizulta lil din il-Qorti li bejniethom l-ahwa atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa ghamlu bosta sagrificcji u xoghol sabiex jizguraw lli ghalkemm Elisa Portelli thossha li hija baqghet tghix hajja ndipendeni wahedha minn naha l-ohra huma ta' kuljum kienu jaghmlu xoghol sabiex jwittulha t-triq sabiex tkun tista' taghmel dan tul is-snin sakemm giet nieqsa fl-2014.

Illi mill-atti jirrizulta li Elisa Portelli kienet wahda fitta ferm fl-indafa tad-dar taghha fosthom li tkun trid iccaqlaq it-televixin u oggetti ohra kbar biex tfarfar, tkun trid tahsel il-hgieg u l-persjani, tiknes il-bejt u affarijiet bhal dawn u dawn l-affarijiet hi ma kellhiex is-sahha taghmilhom anki ghaliex hija ghexet sal-eta ta' hamsa u tmenin sena (85) apparti li kienet mghawwga ganc u timxi bil-bastun. Kienet ukoll tkun trid tattendi ghal zewg quddies kuljum nonostante li kienet timxi mghawwga ganc u bil-bastun w'ghalhekk kien ikollha bzonn li kuljum precett xi hadd iwassalha ghall-quddies u jwassalha lura d-dar. Apparti minn hekk hija kellha bzonn min jixtrilha l-bzonnijiet tal-hasil u tisjir kontinwament stante li ma setghetx tohrog mid-dar jekk mhux bil-karozza ma' xi hadd. Anki sabiex jingabru l-medicini taghha, jithallsu kontijiet u tmur il-banek kien hemm bzonn xi hadd li jaghmel dan ghaliha jew altrimenti li jwassalha. Kull meta kien ikollha bzonn tobba jew tmur xi appuntamenti l-isptar ukoll kienet tiddependi fuq li xi hadd jghinha.

Il-Qorti rat mill-assjem tal-provi li dawn ix-xoghlijiet u qadjiet kollha kienu jsiru bl-ghajnuna kontinwa u mill-atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa. In oltre kull meta nqala' xi haga lil Elisa Portelli bil-lejl hija kienet issib l-ghajnuna ta' xi hadd minn dawn l-erbgha. L-atturi jaghtu deskrizzjoni dettaljatissima tax-xoghol li huma kienu jaghmlu ta' kuljum lil Elisa Portelli sabiex fi kliemhom huma jagevolawha li tkun tista' tibqa' tghix fid-dar taghha skont ix-xewqa taghha, xewqa li fuq kollox hija deskritta u tirrizulta mit-testment taghha. Tista' tghid l-atturi flimkien ma' ohthom Catherine Formosa kienu ghassa ma' zithom erbgha u ghoxrin siegha kuljum sabiex x'hin hi jkollha bzonn xi haga u ccemplilhom jitilqu kollox minn idejhom u jitilqu jaqduha, kif kienet tippretendi hi. L-atturi jsemmu diversi kazijiet fejn hija gieli anki cemplet f'nofs ta' lejl u kellhom imorru hdejha okkazzjonijiet fejn anki waqghet u kaz partikolari fejn wahda minnhom kellha titlaq kollox biex tmur tiehu flixkun inbid lil Elisa Portelli ghaliex heddet li ma kinitx ser tiekol jekk ma tohodulhiex (ara fol. 204 et seq tal-process 37/2016).

Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm zmien fejn kienet tmur helper ghal massimu ta' tliet sieghat fil-gimgha tghin lid-decujus bil-hasil tal-art, minn dak li rat fl-atti l-Qorti, stante li d-decujus kienet wahda fitta ferm fuq l-indafa filwaqt li kienet thobb tikkmanda hafna, zgur li dawn il-ftit sieghat ma kienux bizzejjed sabiex id-dar tkun xummiema kif jirrizulta li kienet tkun tridha d-decujus. Din il-Qorti tqis anzi li gie pruvat lilha li kien grazzi ghall-atturi fil-kawza odjerna 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa li Elisa Portelli kien jirnexxielha zzomm id-dar nadifa kif kienet tesigi hi, li kien jirnexxielha jkollha l-affarijiet sabiex issajjar il-borma u tixrob l-inbid kuljum u li kien ikollha l-bzonnijiet kollha maghha

sabiex hi tkompli b'hajjitha fejn kienet kontinwament tmekkek 'il hemm u 'l hawn fid-dar taghha. Il-Qorti tqis li verament kif tghid l-attrici Josephine Sultana fil-kontro-ezami taghha a fol. 222 et seq tal-process 37/2016 illi kien bis-sahha taghhom l-erbgha li kienu jaghmlulha l-bzonnijiet kollha taghha li d-decujus irnexxielha tghix l-ahhar ghaxar snin fid-dar taghha, IMMA BL-GHAJNUNA TAGHHOM, ghax jirrizulta lill-Qorti li ma kinitx kapaci taghmel l-affarijiet taghha hlief affarijiet hfief bhal hasil ta' hwejjeg hfief (li kienu jhalluhomlha apposta biex tehda maghhom) u tisjir tal-borma wara li jkunu xtrawlha kollox. Anzi jirrizulta li l-erba' ahwa kienu jaghmlu minn kollox sabiex filwaqt li jlestulha kollox hija jkollha certu affarijiet biex tehda ta' kuljum f'darha fosthom li hadu hsieb li jkollha kollox fis-sular t'isfel inkluz 'washing machine' u hekk toqghod tahsel hwejjigha z-zghar u tehda tonxorhom fuq habel baxx li ghamlulha fil-bitha. Dan juri anzi r-rispett kbir li huma kellhom lejn din iz-zija u l-ftehim li huma kellhom maghha li akkost ta' kollox hija ma tigix rikoverata f'dar tax-xjuh.

Apparti x-xoghljiet li kienu jaghmlu fid-dar, l-erba' ahwa bniet b'mod partikolari l-atturi odjerni kienu jwasslu liz-zija 'l hemm u 'l hawn kontinwament inkluz sptarijiet, banek, hlas ta' kontijiet, servizzi finanzjarji, quddies u anki kienu johorguha maghhom.

Jirrizulta illi diversi partijiet mix-xhieda tal-atturi odjerni gew konfermati minn uliedhom li xehdu fl-atti u sahansitra huthom atturi fil-kawza 37/2016 kif ukoll minn Vincent Buhagiar li jigi r-ragel tal-attrici Maria Buhagiar fejn fl-affidavit tieghu a fol. 55 jaghti fid-dettal ix-xoghol kollu u l-ghajnuna kollha li kienu jaghtu martu u hutha lid-decujus.

Xhieda ohra li jikkonfermaw li kienu jaraw lill-atturi ahwa bniet jghinu lid-decujus flimkien mal-konvenuta Catherine Formosa huma l-girien ta' Josephine Sultana Pawlina Mercieca u Maria Mercieca a fol. 53 u 54 tal-process 30/2015. L-istess ikkonfermat in-nurse Josephine Dingli fl-affidavit taghha a fol. 57 tal-process.

Jirrizulta wkoll li ghalkemm il-konvenuta Catherine Formosa (u attrici fil-kawza 37/2016) ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, fl-atti a fol. 44 tal-process 30/2015 giet esebita d-dikjarazzjoni taghha li saret lura f'Dicembru, 2014 fejn hija tiddeskrivi l-ghajnuna li kienet taghti hi. Il-Qorti tinnota li ghalkemm f'din id-dikjarazzjoni ssemmi lil hutha, b'mod partikolari hija ssemmi lil ohtha l-attrici Mary Jane u mhux lil xi hadd mill-ahwa subien.

3. Illi l-Qorti rat ukoll id-dikjarazzonijiet, affidavit u kontro-ezamijiet tal-intervenut fil-kawza 30/2015 u tal-atturi fil-kawza 37/2016. Jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm fid-dikjarazzjonijiet li whud minnhom huma ghamlu lill-esekutur testamentarju kif inghad esebiti a fol. 39 et seq huma jsostnu li rendew servigi lil Elisa Portelli tant li dak iz-zmien kienu qed jippretendu li jirtuha flimkien ma' huthom il-bniet minn naha l-ohra fil-kawzi rrizulta li:

- John Vella (ara dikjarazzjoni a fol. 45 u x-xhieda u l-kontro-ezamijiet tieghu) kien ilu ma jkellem lil zitu minn diversi snin qabel ma hija kisret saqajha tant li mill-kontro-ezami johrog li lanqas biss jaf min zamm lil zitu meta hija kisret saqajha lura fis-sena 2004. Jirrizulta mill-provi li lanqas biss attenda ghall-funeral tad-decujus.

- Mill-assjem tad-dikjarazzjoni u xhieda ta' Benigno Vella jirrizulta li jista' jkun li xi drabi zghar id-decujus talbitu jaghmlilha xi manutenzjoni zghira fid-dar izda zgur li ma jirrizultawx is-servigi li qed jippretendi li huwa wettaq mill-provi mressqa fl-atti. Anzi huwa stess jammetti li kienu whud minn hutu bniet li kienu jiehdu hsieb it-tindif u bzonnijiet ohra tad-decujus fosthom il-medicina.

- Mix-xhieda tal-attur fil-kawza 37/2016 Emanuel Portelli jirrizulta li huwa kienu ilu snin twal ma jmur hdejn zitu tant li meta gie mitlub jiddeskrivi d-dar taghha jiddeskriviha kif kienet qabel ma twaqqghet u regghet inbniet minnha stess, jiddeskriviha kif kienet meta kien ghad kellha l-bhejjem fid-dar filwaqt li jirrizulta mill-atti li d-dar kienet ilha bosta snin li twaqqghet u regghet inbniet u l-annimali kienu ilhom li tnehhew mid-dar ukoll diversi snin. Certament allura ma jirrizultax li b'xi mod huwa rrenda xi servigi lid-decujus ghajr illi xi drabi rari gieli kienet tarah fit-triq u titolbu jwassalha l-knisja.

- Mill-affidavit u xhieda tal-attur fil-kawza 37/2016 Victor Portelli jirrizulta li hu mhux qed jippretendi li rrenda xi servigi izda biss li bhala wiehed mill-bosta nepputijiet huwa ghandu jiret. L-istess jinghad ghal dak li jirrizulta mix-xhieda tal-attur Emanuel Portelli li sahansitra jghid li jekk zitu hadet xi xkora patata din kien jaghtielha missieru u mhux hu. Fil-bqija huwa car mix-xhieda ta' dawn iz-zewg atturi li huma ma kienux jafu x'kienu l-bzonnijiet ta' zithom ghal dak li huwa mard u b'mod partikolari l-bzonnijiet taghha mill-bieb 'il gewwa tad-dar taghha. Il-Qorti tasal ghall-istes konkluzjoni mix-xhieda tal-attrici Joyce Portelli (37/2016) li jidher li ma kellhiex l-icken idea tal-ghajnuna li kienu qed jaghtu l-atturi

fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa sabiex fid-deher Elisa Portelli kienet tidher li qed tghix hajja ndipendenti izda fil-verita' kellha hafna u hafna ghajnuna.

- Skont l-affidavit tal-attur Alfred Cordina fol. 43 tal-process 37/2016 id-decujus dejjem kienet b'sahhitha. Jirrizulta izda mill-kontro-ezami tieghu li dak li huwa xehed fl-affidavit tieghu ma kienx il-verita' stante li hu kien jaf li hija kienet kisret saqajha fis-sena 2004 tant li fi kliemu jixhed li dak iz-zmien meta kienu jiehdu hsiebha l-atturi fil-kawza 30/2015 qalilha:

'Kont immur inzurha mbaghad ghidtilha "Issa Liz, ftakar li zammewk". Qaltli "minni mhux ha jgergru". (ara fol. 199 tal-process 37/2016)

Ghalkemm skont hu d-decujus kienet taghmel l-affarijiet taghha sal-ahhar meta mistoqsi dwar min kien jghinha jghid li ma jafx min kien johodha l-isptar, ma jafx min kien jaghmel ix-xirjiet, ma jafx min kien igib il-pirmli u jiehu hiseb il-preskrizzjonijiet, ma jafx min kien johodha l-knisja, il-bank u postijiet ohra ghax f'daqqa wahda jiftakar li ma joqghodx ix-Xewkija allura fi kliemu "fejn jaf'.

- Ghalkemm fl-affidavit tieghu a fol. 37 tal-process 37/2016 l-attur Joseph Portelli jipprova jaghti x'jifhem li hu kien ikun il-hin kollu ghand zitu u li hija kienet tghix hajja kompletament indipendenti, jirrizulta li huwa jammetti li Catherine Formosa kienet tkun maghha fid-dar meta gieli mar massimu ta' darbtejn f'xahar u mhux kif kien iddikjara originarjament (ara l-kontro-ezami a fol. 114 et seq tal-process 37/2016). Fil-kontro-ezami tieghu wkoll jammetti li ma jafx min kien jiehu hsieb li jaghmel ix-xirja,

min kien jiehu hsieb il-pirmli jew li d-decujus kellha fisjoterapista ghalkemm jammetti li kienet bil-bastun. Meta mistoqsi wkoll jammetti li hu qatt ma ha ikel lil zitu l-isptar.

- Illi mill-affidavit ta' Saviour Portelli (attur fil-kawza 37/2016) u mill-kontro ezami tieghu a fol. 149 et seq jirrizulta li huwa ma kienx jirrisjedi Malta fiz-zmien li kienet ghadha hajja Elisa Portelli ghalhekk zgur li ma rrendilha l-ebda servigi. Johrog ukoll mill-kontro-ezami tieghu li hu ma jafx min kien jixtrilha jew inaddfilha u sahansitra lanqas jaf li hija kienet ghamlet operazzjoni fis-sena 2004 ghalkemm jaf li kienet timxi bil-bastun.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-assjem tal-provi kollha fiz-zewg kawzi l-Qorti tqis li gie ampjament pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-atturi fil-kawza 30/2015 Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana rrendew servigi ampji lid-decujus Elisa Portelli mill-anqas mis-sena 2004 sal-mewt taghha fis-sena 2014 b'dana li rnexxielhom bl-ghajnuna kbira u kontinwa taghhom jippermettu li d-decujus tibqa' tghix fid-dar taghha sad-data tal-mewt taghha. Wara li saret l-operazzjoni fis-sena 2004 u Elisa Portelli rritornat fid-dar taghha jirrizulta wkoll li bdiet tirrendi servigi ampji lill-istess il-konvenuta fil-kawza 30/2015 u attrici fil-kawza 37/2016 Catherine Formosa b'dana li minhabba li kienet l-aktar wahda li tghix vicin tad-decujus jirrizulta li Elisa Portelli ghal certu qadjiet kienet fl-ewwel lok tfittex lilha mbaghad iddur ghal hutha meta din ma kinitx tkun accessibbli bit-telephone.

Minn naha l-ohra wkoll mill-assjem tal-provi kollha prodotti ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-atturi fil-kawza 37/2016 inkluz l-intervenut fil-kawza 30/2015 Benigno Vella, ghajr Catherine Formosa, irrendew xi servigi lil Elisa Portelli. Din il-konkluzjoni tal-Qorti hija assodata anki mix-xhieda tan-nurse tad-decujus Josephine Dingli li a fol. 57 tal-process 30/2015 ikkonfermat li d-decujus kienet tghidilha li n-neputijiet taghha subien ma kienux ikellmuha.

Illi la darba jirrizulta lil din il-Qorti li Mary Jane Attard, Maria Buhagiar, Josephine Sultana u Catherine Formosa rrendew servigi, kuri u assistenzi estensivi ghal zmien ferm oltre t-tliet snin imposti fit-testment tad-decujus Elisa Portelli, jirrizulta ghalhekk li l-ewwel paragrafu tat-tielet artikolu tat-testment datat 3 ta' Marzu, 1992 (liema paragrafu ma nbidilx bit-testment segwenti) huwa sodisfatt per konsegwenza hija sodisfatta l-ewwel talba tal-atturi fil-kawza 30/2015 u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess flimkien mat-tieni talabha sussidjarja. Stante li t-tielet u r-raba' talbiet attrici fil-kawza 30/2015 huma alternattivi ghall-ewwel u t-tieni l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Illi in vista tal-konkluzjoni suesposta jsegwi li l-ewwel talba fil-kawza 37/2016 mihiex fattwalment gjustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess flimkien mat-tieni talba li hija sussidjara ghall-ewwel wahda. Fir-rigward tat-tielet talba din ukoll ma tirrizultax pruvata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess. Fic-cirkustanzi l-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-kjamati fil-kawza Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana.

Il-Qorti tqis ukoll, wara li rat u kkunsidrat iz-zewg processi 30/2015 u 37/2016, li l-intervenut fil-kawza 30/2015 u l-atturi fil-kawza 37/2016 ghajr Catherine Formosa intavolaw il-proceduri taghhom b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar ghar-ragunijiet:

- li kienu jafu ben tajjeb li ma kienux huma li rrendew servigi lill-mejta Elisa Portelli filwaqt li sar l-intavolar tal-kawzi kienu ben konxji li hija kienet giet mghejjuna estensivament minn Mary Jane Attard, Maria Buhagiar, Josephine Sultana u Catherine Formosa

- u wkoll stante li l-proceduri ntavolati minnhom b'mod car kienu ntizi u servew biss sabiex itawlu l-proceduri u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intervenut fil-kawza odjerna u l-atturi fil-kawza 37/2016 ghajr Catherine Formosa ghandhom ibaghtu l-ispejjez tal-proceduri taghhom u tal-intimati fil-kawza 37/2016.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet imqajjma sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dawk hawn fuq deciz tghaddi sabiex:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-atturi Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana flimkien mal-konvenuta Catherine Formosa kienu l-persuni illi rrendew servigi, kuri u assistenzi lill-mejta**

**Elisa Portelli skont il-kriterji stabbiliti mill-istess Elisa Portelli fit-testmenti taghha u ghalhekk huma l-unici persuni li jikkwalifikaw bhala eredi tal-imsemmija Elisa Portelli.**

**2. Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tiddikjara lill-atturi Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana flimkien mal-konvenuta Catherine Formosa bhala l-eredi universali tal-imsemmija Elisa Portelli;**

**3. Stante li t-tielet u r-raba' talbiet attrici huma alternattivi ghall-ewwel u t-tieni talba li gew milqugha tghaddi sabiex tichad it-tielet u r-raba' talba attrici.**

**Bl-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu sopportati mill-eredita' intimata ghajr ghall-ispejjez tal-intervenut fil-kawza li ghandhom jigu sopportati mill-istess intervenut.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**